MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 74/1992/1

Citazzjoni numru 74/1992

Francesco Grima

vs

Saviour Sultana

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li tghid:

"illi l-attur huwa proprjetarju ta' porzjoni raba imsejha 'Tal-Bajja' fil-limiti ta' Sannat tal-kejl ta' elf mitejn u hamsa u sebghin metru kwadru (1275m.k) konfinanti tramuntana ma' beni tal-werrieta ta' Guzeppa Grima u ta' l-istess attur, lvant ma' beni ta' Paolo Borg u nofsinhar ma' beni ta' l-eredi ta' Adeodato Muscat;

Illi l-konvenut huwa proprjetarju ta’ porzjoni ohra ta’ raba fi Triq Skerla, Sannat, tal-kejl ta’ circa elf mija u tnejn u ghoxrin metru kwadru (1122m.k) tmiss lvant ma’ beni ta’ Emmanuele Spiteri, punent ma’ triq gdida progettata u nofsinhar mal-istess triq Skerla;

Illi recentement l-istess konvenut qala’ l-hajt tas-sejjieh wiesa’ zewg metri li kien kostruwit fuq il-linja divizorja li tifred il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet u minfloku bena iehor tal-kantun wiesa’ zero punt tnejn tlieta metri (0.23m) mal-linja esterna tal-hajt tas-sejjieh fuq in-naha tal-proprjeta tal-attur;

Illi ghalhekk il-konvenut uzurpa l-wisgha kollu tal-istess hajt divizorju;

Illi nonostante li gie interpellat biex jaqla’ l-istess hajt u jibnieh kif suppost fuq il-linja divizorja huwa baqa’ inadempjenti;

TALAB ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara li huwa fil-bini tal-imsemmi hajt uzurpa parti mill-art tal-attur;

2. konsegwentement tordnalu biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jaqla’ l-istess hajt tal-kantun u jissostitwieh b’iehor b’mod li l-kejl li jifdal wara li titnaqqas il-hxuna ta’ l-istess hajt jinqasam ugwalment bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti; u

3. fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jaghmel l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenut taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjez komprizi tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Marzu 1991 u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur minnu guramentata, l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa:

1. illi l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-attur ma huwiex proprjetarju uniku tar-raba illi hu qieghed jallega illi hija proprjeta tieghu;

2. illi fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-hajt tas-sejjieh illi nqala' u gie sostitwit mill-esponenti kien kollu kemm hu proprjeta' tieghu, in kwantu ir-raba tal-esponenti jinsab f'livell aktar gholi minn dak tal-attur u l-istess hajt kien biss 'retaining wall' ghar-raba tal-esponenti, u ghalhekk bl-imsemmi hajt l-esponenti ma okkupa ebda parti mill-art tal-attur.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut minnu guramentata u l-lista tieghu tax-xhieda;

Ezaminat l-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2003 l-Qorti giet infurmata li l-partijiet waslu fi tansazzjoni u l-attur stqarr li hu kien qieghed jirrinunzja ghat-talbiet u talab li l-ispejjes tal-kawza jithalsu bin-nofs bejn il-kontendenti. Il-konvenut, tramite il-konsulent legali tieghu, oggezzjona li l-kap tal-ispejjez jinqasam. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum fuq il-kap tal-ispejjes.

Issa jirrizulta mill-atti illi f'seduta li nzammet mill-perit nominat, l-AIC Guido Vella, fit-3 ta' Lulju 2001, prezenti l-partijiet assistiti, li kien gie diskuss pjan ta' transazzjoni fis-sens li l-attur kellu jirrinunzja ghall-pretensjonijiet tieghu ghall-hlas ta' kumpens filwaqt li l-konvenut kellu jaghti dritt ta' access lill-attur u lill-membri tal-familja tieghu bi kwalunkwe mezz minn fuq l-art avanposta ghad-dar

tieghu b'dan ukoll li l-ispejjez tal-kawza u tal-perit nominat kellhom jithalsu bin-nofs.

Jekk dan il-pjan gie attwat ma jirrizultax. Jirrizulta pero' mix-xhieda tal-Perit J. P. Dimech (fost il-ftit xhieda li jihder li nstemghu tul l-kors tal-kawza) li verament kien hemm usurpazzjoni da parti mill-konvenut ta' parti mill-art fil-waqt li hu nehha l-hajt tas-sejjieh originali u ssostitwih b'wiehed tal-kantun.

Illi dan jaghti x'jifhem li l-attur kellu ragunijiet fondati meta esperixxa l-azzjoni b'daqstant li l-pretensjoni tieghu li l-ispejjez jinqasmu bin-nofs tidher fondata.

Ghaldaqstant u fil-waqt li tiddikjara l-meritu tal-kawza ezawrit, tordna li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati kawntu ghal-nofs kull wiehed mill-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------